MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 577/2005

**Micallef & Zammit (Marketing) Limited (C-23061) u b'digriet tad-9 ta' Dicembru, 2005 l-isem tas-socjeta` attrici gie korrett biex jaqra M&Z (Marketing) Limited**

**vs**

**Jesmond u Rita konjugi Sant**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Frar, 2005 fejn intalab il-hlas ta' elf u erba' mija u sitta u hamsin lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm1456.65) rapprezentanti prezz ta' merkanzija debitament mibjugha u konsenjata lill-konvenuti fil-hanut "Save & Smile Supermarket" ta' Triq il-Pont, Mosta, u dovuta (a) kwantu ghal seba' mija u hmistax-il lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm715.72) bhala bilanc minn soma akbar fuq fattura datata 21 ta'**

**Lulju 2004, (b) kwantu ghal mija u disgha u sittin lira Maltija u disghin centezmu (Lm169.90) skond fattura datata 30 ta' Settembru, 2004, (c) kwantu ghal hames mija u hames liri Maltin u tnax-il centezmu (Lm505.12) fuq fattura datata 28 ta' Ottubru, 2004 u (d) kwantu ghal hamsa u sittin lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (Lm65.91) skond fattura datata ukoll 23 t'ottubru, 2004, dan kollu skond kif muri fuq prospett u kopji ta' l-istess fatturi u document relatat, annessi mal-avviz u mmarkati "A","B","B1", "C","D" u "E" rispettivament.**
**Bl-ispejjez tal-prezenti, u tal-ittra interpellatorja datata 7 ta' Frar, 2005 (kopja Dok.F), u bl-imghaxijiet mid-data tal-hrig tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta Rita Sant prezentata fl-4 t'April, 2005 fejn intqal :**
**i. Illi l-eccipjenti qatt ma trattat mas-socjeta` attrici u dan peress illi l-hanut Save 'n' Smile Discount Store kien gestit esklussivament mill-konvenut Jesmond Sant, u ghalhekk hija m'ghandhiex tkun responsabbli ghall-hlas pretiz u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.**
**ii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Jesmond Sant prezentata fit-3 ta' Mejju, 2005 fejn intqal :**
**i. Illi l-konvenuti ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ;**
**ii. Illi hemm kontestazzjoni mill-konvenuta Rita Sant li dawn l-ammonti m'humiex dovuti minnha izda minn Jesmond Sant biss.**
**iii. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, jekk jigi deciz li dawn l-ammonti mitluba fl-avviz huma dovuti dawn ghandhom jithallsu nofs b'nofs bejn il-konvenuti peress li ghad hemm vigenti l-komunjoni tal-akkwisti.**
**iv. Illi inoltre l-ammont mitlub ghandu jigi ridott stante li s-socjeta` attrici hadet lura parti mill-merkanzija mertu ta' din il-kawza.**

**v. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Paul Camilleri, Charmaine Sciberras, Sharon Lewis, Rita Sant. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**

**1. Il-kaz jirrigwarda bilanc dovut fuq merkanzija allegatament mibjugha u konsenjata lill-konvenuti.**

**2. Paul Camilleri ghas-socjeta` attrici jikkonferma li kienu jahdmu mal-konvenuti fuq bazi regolari. Dan ix-xhud ikkonferma li l-ammont indkat fl-istatemnt a fol.2 tal-process ghadu kollu dovut.. Ix-xhud ghamel referenza ukoll ghall-post dated cheques li ma magewx onorati, esebiti bhala Dok.PC1 a fol.20 u 21 tal-process. Dawn ic-cheques kienu datati 30 t'Ottubru, 2004, 29 ta' Dicembru, 2004 u 29 ta' Jannar, 2005.**

**3. Charmaine Sciberras tghid li fis-sena 2003 kienet titkellem maz-zewg konvenuti, u fis-sena 2004 bdew jithallsu fuq « cash basis ». tikkonferma li qatt ma giet ritornata ebda merkanzija.**

**4. Jirrizulta wkoll li fil-hanut fi zmien minnhom kien ikun hemm iz-zewg konvenuti, u dan skond ma xehedet Sharon Lewis. Tgid li wara xi zmien lil Rita Sant ma ratiex aktar hemm.**

**5. Rita Sant da parti taghha tghid li ma kienux eskludew il-komunjoni tal-akkwisti. Tghid li kienet fin-negozju sas-sena 2003 u li c-cekkijiet esebiti kienu ffirmati minn zewgha.**

**6. It-Tribunal jaghmel referenza ghal kawza deciza fil-15 ta' Lulju, 2005, fl-ismijiet International Merchants Limited vs Sant Jesmond et Talba numru 978/05 PBC u ghal kawza deciza fl-10 ta' Novembru, 2005, Talba Numru 522/05 PBC fl-ismijiet Sun Chemicals Limited vs Gesmond sive Jesmond Sant.**

**7. Kif sewwa qal it-Tribunal diversament presedut ga la darba l-komunjoni tal-akkwisiti ma kienetx xolta, il-konvenuti ghandhom jirrispondu in solidum ghad-dejn naxxenti min-negozzju.**

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu lis-socjeta attrici s-somma imsemmija ta' elf u erba' mija u sitta u hamsin lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm1456.65), bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Ottubru, 2004 sal-effettiv pagament. L-ispejjez ta' din lis-stanza inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 7 ta' Frar, 2005 ghandhom ikunu a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------